Natività - Paul Camilleri Cauchi - Oil on canvas

MILIED F'GĦAWDEX

- CHRISTMAS IN GOZO -

26 Nov 2022 - 8 Jan 2023

Bethlehem
f'Għajnsielem 2022

DECEMBER 2022

Tuesday 13th	3.00pm - 7.00pm
Thursday 15th	9.30am - 12.00pm (school students edition)
Saturday 17th	4.00pm - 7.30pm
Sunday 18th	11.00am - 2.00pm (morning children's edition)
Sunday 25th	4.00pm - 7.00pm
Monday 26th	2.30pm - 7.00pm
Tuesday 27th	4.00pm - 7.00pm
Friday 30th	4.00pm - 7.00pm

JANUARY 2023

Sunday 1st	3.00pm - 7.00pm
Sunday 8th	2.30pm - 7.00pm (Adoration of the Magi)

For more information call Għajnsielem Local Council on 21561515 or visit ghajnsielem.com/bethlehem

Facebook/bethlehem.ghajnsielem

… paċi fl-art lill-bnedmin ta' rieda tajba! (Luqa 2:14)

Dan kien il-messaġġ li waslu l-anġli tas-sema, biex iħabbru t-twelid ta' Sidna Ġesù Kristu lir-ragħajja ta' Bethlehem, f'dik il-lejla xitwija. Messaġġ li aktar minn 2,000 sena wara, għad għandu relevanza kbira u kif.

F'dawn iż-żminijiet ta' tensjoni u inċertezzi, speċjalment fuq skala internazzjonali, iż-żmien qaddis tal-Milied, b'mod partikolari, għandu jkun żmien propizju biex bħala komunità, kemm lokalment kif ukoll l-aktar fuq bażi internazzjonali, nieqfu, inħarsu madwarna u nirriflettu. Bil-gwerra fl-Ukrajna, iżda b'kunflitti oħra madwar id-dinja li forsi qajla nisimgħu bihom, it-tifsira tal-paċi hi ferm 'il bogħod mill-messaġġ li wasslu l-anġli f'dak il-lejl kiesaħ.

F'Għawdex l-ispirtu qaddis tal-Milied għadu wieħed ħaj u b'saħħtu grazzi għal diversi aspetti li jikkontribwixxu għal dan il-għan. Dan minkejja l-element kummerċjali, li kulma jmur qed ikompli jissaħħaħ u jaħkem fuq is-sinifikat tal-festa.

Dan l-ispirtu ferrieħi hu grazzi għal mijiet ta' dilettanti u voluntiera li jaħdmu bla heda biex l-akbar ġrajja tal-umanità tibqa' tiġi ċċelebrata fi spirtu reliġjuż. Ma' dawn jingħaqad il-Ministeru għal Għawdex, permezz tad-Direttorat għall-Wirt Kulturali, li b'reqqa, ta' kull sena jwassal programm varjat ta' attivitajiet. Il-Ministeru japprezza din il-ħidma, imma aktar minn hekk jagħti l-appoġġ tiegħu biex dawn it-tradizzjonijiet mhux biss jissaħħu iżda jitjiebu fil-kwalità fejn jiġu apprezzati mill-Għawdxin infushom u mill-eluf li jżuruna matul il-jiem tal-Milied.

Dan il-ktejjeb hu xhieda ta' dan kollu, fejn wieħed litteralment jintilef fl-għażla li qed inwasslulkom. Ktejjeb dettaljat u mimli tagħrif dwar il-Milied f'Għawdex. Filwaqt li nrodd ħajr lill-organizzaturi, lill-voluntiera u lill-impjegati taċ-ċivil tal-ħidma tagħhom biex għal darb'oħra, l-edizzjoni tal-Milied f'Għawdex tkun suċċess, minn qalbi nawgura li l-paċi vera li ħabbru l-anġli tinżel fuqna lkoll u timliena barka.

Il-Milied u s-Sena t-Tajba!

Clint Camilleri
Ministru għal Għawdex

… earth peace, good will toward men.(Luke 2:14)

This was the chorus chanted by the angels, to announce the birth of our Lord Jesus Christ to the shepherds of Bethlehem, on that cold winter night. A message, more than 2,000 years later, which still has huge relevance and resonance.

We are all experiencing moments of tension and uncertainty within the international stage, most notably the turbulence gripping the lands of Ukraine. Hence, Christmas time should serve as a moment within which to stop, meditate and rejoice. The message of peace and love recited by the angels should serve as the guiding light through these tempestuous times.

Here in Gozo, the authentic Christmas spirit is still vigorous and flourishing, thanks to the old traditions which breathe life into it. This, despite the ever increasing commercial element attached to such an important religious event.

Moreover, this island is blessed with hundreds of enthusiasts and volunteers who work tirelessly towards this event, in order to preserve the true Christmas element in such festivities, ensuring that the religious spirit is still a strong and healthy one. The Ministry for Gozo, through the Cultural Heritage Directorate, prepares a detailed and varied programme of activities, and it does all it can in order to maintain, preserve and sustain all these activities, which are enjoyed and celebrated by all Gozitans and those who choose Gozo for the festive season.

This booklet's aim is that of listing all Christmas-related activities and information about 'Christmas in Gozo'. Whilst thanking the organisers, volunteers, and civil servants for all their efforts to make the Christmas edition in Gozo once again a success, I really hope that the true meaning of Christmas is bestowed upon us all throughout the coming year!

Merry Christmas and a Happy New Year!

Clint Camilleri
Minister for Gozo

IT'S
Christmas
TIME
CELEBRATE THE 2022
FESTIVE SEASON
IN GOZO
SATURDAY 26 NOV | 8:00PM | ASTRA THEATRE - VICTORIA
FEATURING:
CHARLES BUTTIGIEG - MIRIAM CHRISTINE - ALTHEA TROISI
SCHOLA CANTORUM JUBILATE - CORDIA ENSEMBLE - BRASSTUBES
FREE EVENT
Bookings: christmasingozo@gov.mt
GOVERNMENT OF MALTA
MINISTRY FOR GOZO
Cultural Heritage Directorate

Sunday 27 November
12:00PM – 5:00PM

Swejjaq u l-Fiera tal-Milied

Post (*Venue*): St Lawrence Square, **San Lawrenz**

Programm li jinkludi l-inawgurazzjoni ta' armar ġdid u l-festi tal-Milied f'San Lawrenz, bil-parteċipazzjoni ta' Ċangura Folk Group, il-grupp mużikali BrassTubes, logħob tradizzjonali għat-tfal u logħob ieħor, bankarelli bil-pasturi, kif ukoll ikel u xorb tradizzjonali.

The inauguration of the new Christmas Decorations and the Christmas festivities at San Lawrenz with the participation of Ċangura Folk Group and BrassTubes. One can also enjoy traditional games, street performers, stalls selling Christmas items, and traditional Christmas food.

Sunday 27 November till Saturday 7 January 2023

Christmas Tree 2022

Post (*Venue*): Orvieto Square, **Ta' Kerċem**

Għat-tielet sena konsekuttiva, il-grupp Gozo Crafty Ladies – Kerċem Branch se jkun qiegħed jiddekora siġra kbira tal-Milied. Id-dekorazzjoni hija magħmula bis-suf maħdum bil-ganċ.

For the third consecutive year, the group Gozo Crafty Ladies – Kerċem Branch, will be decorating a large Christmas Tree. The decoration is made entirely of crochet wool.

Sunday 4 December
9:00AM – 4:00PM

Merħba Milied

Post (*Venue*): St Gregory Square & L-Avukat Anton Calleja Street, **Ta' Kerċem**

Programm tal-Milied li se joffri logħob għat-tfal, spettaklu ta' kant u żfin, bankerelli bl-ikel u xorb u artiġjanat.

A Christmas market offering performances by local bands and dance groups, stalls selling Christmas items and food, and activities for children.

Christmas
MAGIC
GHAR ILMA
SANTA LUĊIJA
27 Nov 2022 - 6 Jan 2023
GOVERNMENT OF MALTA
MINISTRY FOR GOZO
Cultural Heritage Directorate

Christmas Market
VILLA RUNDLE GARDENS, VICTORIA, GOZO
Friday 2 Dec 4PM - 8PM
Saturday 3 Dec 10AM - 8PM
Sunday 4 Dec 10AM - 6PM
Thursday 8 Dec 10AM - 6PM
Friday 9 Dec 4PM - 8PM
Saturday 10 Dec 10AM - 8PM
Sunday 11 Dec 10AM - 6PM
Tuesday 13 Dec 10AM - 6PM
Friday 16 Dec 4PM - 8PM
Saturday 17 Dec 10AM - 8PM
Sunday 18 Dec 10AM - 6PM
Merry Christmas
GOVERNMENT OF MALTA
MINISTRY FOR GOZO
Cultural Heritage Directorate

Thursday 8 December
8:00PM

Il-Mixegħla tas-Siġra tal-Milied

Post (*Venue*): Our Lady of Loreto Church, **Għajnsielem**

Siġra unika tal-Milied, b'għoli ta' 60 pied magħmula minn struttura tal-ħadid u dekorata b'aktar minn 4,500 flixkun tal-ħġieġ.

A 60 feet steel Christmas tree decorated with more than 4,500 glass bottles.

Thursday 8 till Sunday 11 December

Christmas Market

Post (*Venue*): Orvieto Square, **Ta' Kerċem**

Thursday 8 & Friday 9 Dec	4:00pm - 7:00pm
Saturday 10 Dec	8:00am - 12:00pm 4:00pm - 10:00pm
Sunday 11 Dec	8:00am - 12:00pm 4:00pm - 7:00pm

Suq li se jkun qed joffri għażla vasta ta' prodotti u ikel tal-Milied. Wieħed jista' jiltaqa' wkoll ma' Santa Klaws.

A Christmas market offering a wide selection of Christmas items and food where one can also meet Santa Clause.

Thursday 8 December till Sunday 1 January 2023

Milied fil-Pjazza

Post (*Venue*): Visitation Square, **L-Għarb**

Villaġġ tal-Milied fejn wieħed jista' jsib bankerelli bi prodotti relatati mal-Milied, ikel u xorb, u snajja'. Wieħed se jkun jista' jieħu ritratt ma' Father u Mother Christmas. Isegwi programm ta' korijiet, mużika folkloristika, karattri speċjali li janimaw it-tfal, workshop ta' Santa Klaws, crafts, u bl-akbar attrazzjoni tkun arena bis-silġ sintetiku għat-tfal, adoloxxenti u adulti.

Għal aktar informazzjoni u ħinijiet segwu l-paġna ta' Facebook: Għarb Kunsill Lokali - Local Council.

The Christmas Village will feature a market with stalls selling food and beverage, Christmas-related items, and crafts. There will be a photo booth for photos with Father and Mother Christmas, a letterbox for Santa, choirs, folk music, special characters who will animate children, and other attractions. A special attraction will be the synthetic ice-skating arena for children, teenagers, and adults.

For opening hours and other information follow the Facebook page: Għarb Kunsill Lokali – Local Council.

Friday 9 till Sunday 11 December

Christmas in the Square

Post (*Venue*): St John the Baptist Square, **Ix-Xewkija**

Friday 9 December	7:00pm
Saturday 10 December	7:00pm
Sunday 11 December	9:00am – 8:00pm

Programm ta' mużika live minn bands u korijiet, attivitajiet għat-tfal, kif ukoll bankerelli minn fejn il-pubbliku jkun jista' jixtri ikel u xorb tipiku ta' dawn iż-żminijiet.

A programme of live music by local bands and choirs, children's activities, and stalls selling Christmas-related food and items.

Friday 9 till Sunday 11 December

Festa Titulari ta' Santa Luċija
Titular Feast of St Lucy

Post (*Venue*): **Santa Luċija**

Il-Ġimgħa, 9 u s-Sibt, 10 ta' Diċembru, fit-8:00pm - Marċ madwar it-toroq ta' dan l-irħajjel pittoresk, segwit minn logħob tan-nar.

Il-Ħadd, 11 ta' Diċembru fit-8:30am – Quddiesa solenni u fil-5:00pm purċissjoni solenni bl-istatwa ex-voto ta' Santa Luċija V.M., akkumpanjata minn logħob tan-nar u baned.

Friday, 9th and Saturday, 10th December, at 8:00pm – Band marches along the main streets of this picturesque hamlet accompanied by a fireworks display.

Sunday, 11th December at 8:30am – a Solemn Mass will be celebrated. At 5:00pm, a procession with the ex-voto statue of St Lucy V.M., accompanied by fireworks as well as band marches.

SANTA'S WORKSHOP

Ta' Dbieġi Crafts Village, L-Għarb
10 December 2022 // 09:00h-20:00h

Watch local artisans at work, take part in a workshop (book your place on events@maltacrafts.org), and buy genuine gifts for your loved ones!

Meet Santa and other characters during fun activities for all the family!

#ChooseLocal

GOVERNMENT OF MALTA
MINISTRY FOR GOZO

Malta Crafts FOUNDATION

INDIS MALTA

Cultural Heritage Directorate

Saturday 10 December
11:30AM

Joy to the World!

Post (*Venue*): Il-Ħaġar Museum, St George's Square, **Victoria**

Kunċert tal-istaġun imtella' mis-sezzjonijiet tal-korda, nifs u ram tal-Gozo VPA School, taħt id-direzzjoni tal-għalliema tagħhom.

A seasonal concert featuring string, wind and brass ensembles by the Gozo VPA School under the direction of their tutors.

Saturday 10 December
6:30PM

Festival tad-Dawl
Festival of Light

Post (*Venue*): St Lucy Square, **Santa Luċija**

Numru ta' tfajliet b'ilbies abjad, faxxa ħamra ma' qaddhom u b'xemgħa f'idejhom jakkumpanjaw tfajla b'kuruna bix-xemgħat fuq rasha ad unur Santa Luċija. Wara jitqassmu l-pasti ta' Santa Luċija lil dawk preżenti.

The hamlet of Santa Luċija, will host a symbolic parade in honour of its Patron Saint. Attendees will be treated with delicious buns, traditionally associated with this hamlet.

Saturday 10 till Monday 12 December
4:00PM – 9:00PM

Santa's Factory

Post (*Venue*): Main Hall, Experimental Farm, Triq l-Imġarr, **Ix-Xewkija**

Attività fejn wieħed jista' jżur lil Santa Klaws flimkien ma' karattri oħra li se jkunu jilqgħu u janimaw lit-tfal.

An activity where one can meet Santa Clause in his workshop together with other Christmas characters who will be greeting children.

Christmas PARADE

10 December 2022
8:00PM

REPUBLIC STREET, VICTORIA

FESTIVE - MAGICAL

SPECTACULAR

GOVERNMENT OF MALTA
MINISTRY FOR GOZO

Cultural Heritage Directorate

Sunday 11 December
1:00PM

Milied fl-Għejun - Santa's North Pole Edition

Post (*Venue*): Fontana Centre, **Il-Fontana**

Villaġġ ta' Santa Klaws fejn fost l-oħrajn wieħed jista' jesplorah, jara l-ħidma tal-elfi u saħansitra jgħinhom fil-preparamenti għal-lejl tal-Milied. Se jinkludi wkoll Santa's Petting Zoo. L-attività, fir-raba' edizzjoni tagħha, hija festival innovativ li minbarra n-North Pole Walkthrough Experience se tinkludi s-sehem ta' bosta korijiet tat-tfal Għawdxin, talent lokali, numru ta' bankerelli, kids' area u tingħalaq b'kunċert minn Cash and Band. Walk Through Experience: 1pm – 6:30pm | Live Shows: 1pm – 4pm, 5:30pm - 6:30pm | Cash and Band in Concert: 6:30pm – 8pm | Christmas Village: 1pm – 8pm.

A walkthrough experience to Santa's very own North Pole, where children will have the opportunity to explore the village, help Santa prepare for Christmas Eve and interact with his elves. The walkthrough will include Santa's Petting Zoo. Also featured various children's choirs, local talent, stalls, kids' area, and live music by Cash & Band. Walk Through Experience: 1pm – 6:30pm | Live Shows: 1pm – 4pm, 5:30pm - 6:30pm | Cash and Band in Concert: 6:30pm – 8pm | Christmas Village: 1pm – 8pm.

Sunday 11 December
4:00PM

Teas the Season!

Post (*Venue*): Kempinski Hotel, **San Lawrenz**

L-SCJ Children's Choirs jippreżentaw kunċert tal-Milied segwit minn tea-party. Dħul bil-biljetti. Għal aktar informazzjoni kkuntattja: info@scjchoir.com

SCJ Children's Choirs present a Christmas concert followed by a tea-party. For tickets contact: info@scjchoir.com

Sunday 11 December
6:00PM

L-Għanja li Niżlet mis-Sema
The Carol That Came From Heaven

Post (*Venue*): Society of Christian Doctrine MUSEUM Main Hall, Dun Ġorġ Preca Street, **In-Nadur**

Dramm tal-Milied imsejjes fuq l-istorja marbuta ma' waħda mill-isbaħ għanjiet tal-Milied – O Lejl ta' Skiet, b'kitba u direzzjoni ta' Mark Azzopardi.

Dan id-dramm jerġa' jittella' s-Sibt, 17 ta' Diċembru fis-7:30pm.

Għal iżjed tagħrif ikkuntattjaw fuq 9986 6777.

A Christmas play based on the story behind one of the most loved Christmas Carols – Silent Night, written and directed by Mark Azzopardi.

There will be another performance on Saturday 17th December at 7:30pm.

For more information contact 9986 6777.

Monday 12 December
7:30PM

Sounds of Christmas

Post (*Venue*): Conventual Church of St Francis of Assisi, St Francis' Square, **Victoria**

Kunċert tal-Milied mis-Soprano Antonella Rapa akkumpanjata minn Amy Rapa fuq il-pjanu u bis-sehem ta' Jason Camilleri fuq il-kurunetta.

A Christmas concert by Soprano Antonella Rapa accompanied by Amy Rapa on the piano and Jason Camilleri on the trumpet.

Monday 12 December
8:00PM

Christmas Recital

Post (*Venue*): Ministry Hall, Ministry for Gozo, **Victoria**

Kunċert tal-Milied li jinkludi wħud mill-aktar siltiet famużi bis-sehem ta' Mro Mario Vella Cordina, Gabrielle Debono u Kathy Cardona.

A Christmas concert of some of the most popular songs featuring Mro Mario Vella Cordina, Gabrielle Debono and Kathy Cardona.

Thursday 15 December
8:00PM

Kunċert tal-Milied
Christmas Concert

Post (*Venue*): St Lucy Church**, Santa Luċija**

Kunċert ad unur ta' Santa Luċija kif ukoll għal żmien il-Milied fil-knisja ta' dan l-irħajjel pittoresk.

A Christmas concert in honour of St Lucy, Patron Saint of this picturesque hamlet.

Friday 16 December
7:30PM

Unplugged Christmas

Post (*Venue*): Mnarja Band Club, **In-Nadur**

Kunċert b'varjetà ta' mużika tal-Milied adattata għal dan iż-żmien festiv, minn mużiċisti u kantanti lokali.

A concert featuring Christmas classics adapted for this season by local artists.

Saturday 17 December
10:00AM – 2:00PM

Meet Santa Clause in Fontana

Post (*Venue*): Sacred Heart Parish Church Parvis, **Il-Fontana**

L-attrazzjoni ewlenija se jkun il-workshop ta' Santa Klaws li se jkun mibni apposta għal din l-attività minn materjal użat u riċiklabbli mill-Għaqda Armar Fontana. It-tfal u l-familji se jkollhom l-opportunità li jiltaqgħu u jieħdu ritratt bħala familja waħda flimkien ma' Santa Klaws.

The main attraction will be Santa Clause's Workshop made from recyclable material by Għaqda Armar Fontana members. Children and their families can meet and take a memorable family photo together with Father Christmas.

Saturday 17 December
11:30AM

Christmas Brass!

Post (*Venue*): Il-Ħaġar Museum, St George's Square, **Victoria**

Kunċert ta' kompożizzjonijiet l-aktar tipiċi taż-żmien festiv mill-BrassTubes ensemble taħt id-direzzjoni ta' Mark Gauci.

A concert featuring compositions of the festive season by the BrassTubes ensemble under the direction of Mark Gauci.

Saturday 17 December
8:00PM

Carolling Christmas – A Christmas Concert by the Piccole Stelle Choir

Post (*Venue*): St George's Basilica, St George's Square, **Victoria**

Kunċert ta' għanjiet varji tal-Milied mill-Kor Piccole Stelle tat-Teatru Astra taħt id-direzzjoni ta' Sylvana Attard.

A Christmas concert featuring a selection of carols by the Teatru Astra's Piccole Stelle Choir under the direction of Sylvana Attard.

Saturday 17 till Sunday 18 December

A December to Remember

Post (*Venue*): Munxar Square, **Il-Munxar**

Saturday 17 December	8:00pm
Sunday 18 December	9:00am

Fis-17 ta' Diċembru wieħed jista' jgawdi minn spettaklu tal-Milied taħt it-tinda bis-sehem ta' korijiet u gruppi mużikali. Filwaqt li fit-18 ta' Diċembru se jkun hemm logħob għat-tfal; dawn jistgħu wkoll jiltaqgħu ma' Father Christmas u karattri differenti oħra. Bħala parti mill-programm, se jintwera wkoll La Magia di Natale - 3D mapping maċ-Ċentru tal-Munxar mis-17 u jibqa' mixgħul sal-25 ta' Diċembru.

On the 17th of December one can enjoy a Christmas spectacle with the participation of various choirs and local bands. On the 18th of December children will be able to meet with Santa Clause, other characters, and participate in games and activities. As part of the programme there will be the launch of La Magia Di Natale – a video mapping projection, displayed between the 17th and 25th of December, which will truly keep the Christmas spirit alive during this wonderful time of the year.

Sunday 18 December
10:00AM – 6:00PM

Natale Sul Colle – A Christmas Market

Post (*Venue*): Assumption Square, **Iż-Żebbuġ**

Suq tal-Milied minn fejn jinbiegħu ħelu u ikel tradizzjonali Malti, dekorazzjonijiet u pjanti. Waqt l-attività se jkunu janimaw gruppi ta' daqqaqa tradizzjonali u baned lokali. Wieħed jista' jgawdi esibizzjoni ta' kif jinbena l-presepju Malti. It-tfal se jkunu jistgħu jiltaqgħu u jieħdu ritratt ma' Santa Klaws u jgawdu minn bouncing castles.

A Christmas market with stalls selling traditional Christmas sweets and food, decorations and plants. Children will be able to meet and take photos with Father Christmas, attend live crib making, and play on bouncing castles.

Sunday 18 December
6:00PM

Sounding the Joy of Christmas

Post (*Venue*): Rotunda of St John the Baptist, **Ix-Xewkija**

Kunċert tal-Milied bis-sehem tal-Kor Ulied il-Battista akkumpanjati minn Robert Buttigieg bil-kurunetta u Amy Rapa fuq l-orgni.

A Christmas concert by the children's Choir Ulied il-Battista, accompanied by Amy Rapa on the pipe organ and Robert Buttigieg on the trumpet.

Sunday 18 December
7:00PM

Il-Pageant tal-Milied
Christmas Pageant

Post (*Venue*): St Lawrence Square, **San Lawrenz**

Pageant li jirrakkonta l-istorja tas-Salvazzjoni, mill-ħolqien sat-twelid tas-Sinjur tagħna Ġesù Kristu. F'dan il-pageant tieħu sehem fih kważi nofs il-popolazzjoni tar-raħal ta' San Lawrenz.

The San Lawrenz Christmas Pageant narrates the story of salvation, from the creation to the birth of our Saviour Jesus Christ. Almost half the population of the village of San Lawrenz takes part in this open-air event.

Sunday 18 December
8:00PM

Feel the Magic of Christmas - 25th Anniversary Special Edition

Post (*Venue*): Astra Opera House, **Victoria**

Il-Chorus Urbanus flimkien mal-Chorus Urbanus Juniors u l-Urbanus Festive Orchestra, ilkoll taħt id-direzzjoni ta' Mro Dr John Galea, jippreżentaw dan il-karattru festiv permezz ta' artisti, mużiċisti u vuċijiet.

Għal aktar tagħrif żuru s-sit www.chorusurbanus.com

A concert offering an eclectic moment of entertainment for the whole family, enjoying the festive spirit in a magical dreamworld. Chorus Urbanus and the Chorus Urbanus Juniors, along with the Urbanus Festive Orchestra, under the direction of Mro Dr John Galea, always evoke the festive character with local artists, musicians and an array of voices.

For more information visit www.chorusurbanus.com

Wednesday 21 December
7:15PM

Natale Sul Colle – Christmas Concert

Post (*Venue*): Parish Church of the Assumption of Mary, **Iż-Żebbuġ**

Id-9 edizzjoni tal-kunċert tal-Milied, li jinkludi varjetà ta' carols popolari u oriġinali, imtella' mill-Korijiet Santa Marija u Regina Angelorum, taħt id-direzzjoni mużikali ta' Franco Cefai.

The 9th edition of the Christmas Concert, that includes a variety of popular and original carols, with the collaboration of Santa Marija and Regina Angelorum Choirs, under the musical direction of Franco Cefai.

Dinja tat-Tfal

VILLA RUNDLE GARDENS, VICTORIA, GOZO

18TH DECEMBER | 10:00AM - 5:00PM

FREE EVENT

GOVERNMENT OF MALTA
MINISTRY FOR GOZO

Cultural Heritage Directorate

Thursday 22 December
7:15PM

Milied fl-Għasri

Post (*Venue*): Society of Christian Doctrine MUSEUM, Church Street, **L-Għasri**

Avveniment li jinkludi bosta attivitajiet fosthom drammi, żfin u kant organizzat mill-Kunsill Lokali tal-Għasri.

A programme of events organised by the Għasri Local Council featuring plays, dance and Christmas carols.

Thursday 22 till Saturday 24 December

3 Days Before Christmas

Post (*Venue*): Ġnien il-Familja, **Il-Qala**

Thursday 22 & Friday 23 December 6:00pm – 10:00pm

Saturday 24 December 10:00am – 1:00pm

Avveniment għall-familja kollha fejn wieħed isib bankerelli b'ikel u xorb, karattri animati favoriti tat-tfal, magicians, Santa Klaws u l-elfu tiegħu, u attrazzjonjiet oħra.

A festive family event where one can find stalls selling festive food and drinks, children's favourite cartoon characters, magicians, along with Santa and his elf and other attractions.

Thursday 22 till Saturday 24 December
7:00PM – 8:00PM

Flimkien... fil-Milied
Together this Christmas

Post (*Venue*): St Lawrence Parish Church façade,
San Lawrenz

3D mapping show li se jiġi muri fuq il-faċċata tal-knisja biex jinżamm ħaj l-ispirtu tal-Milied. Fl-istess okkażjoni dawk li jżuru dan l-ispettaklu jkunu jistgħu jixtru xorb u ikel tradizzjonali Malti marbut mal-Milied.

A 3D mapping show to keep the joyful Christmas spirit alive will be projected on the Parish Church façade. Those attending will be able to buy traditional Maltese and Christmas-related food and beverage.

Friday 23 December
5:45PM

O Ġesù Bambin

Post (*Venue*): Parish of the Assumption of Mary,
Iż-Żebbuġ

Purċissjoni b'Ġesù Bambin, segwita minn kunċert annwali mill-Banda Santa Marija - li se tkun qed tesigwixxi biċċiet klassiċi u popolari - kif ukoll sinfoniji storiċi tal-Milied mill-arkivji tal-istess Banda, taħt id-direzzjoni ta' Mro Dr Joseph Grech. Dan il-kunċert se jkun ukoll imxandar live fuq il-paġna ta' Facebook: Żebbuġ Gozo Parish.

A procession with Baby Jesus followed by a Christmas Concert – featuring classical and popular Christmas music excerpts - by the Saint Mary Philharmonic Society, under the direction of Mro Dr Joseph Grech. The concert will also serve to revive historical Christmas symphonies from the archives of the Band. This event is also going to be streamed live on the Facebook page: Żebbuġ Gozo Parish.

Friday 23 December
8:00PM

Leone Grand Christmas Concert

Post (*Venue*): Aurora Opera House, **Victoria**

Varjetà tal-Milied, b'medleys ta' mużika ferrieħija, umoriżmu u spettaklu, bil-parteċipazzjoni tal-Banda Ċittadina Leone, kantanti, żeffiena u l-Aurora Youth Choir. Biljetti minn www.teatruaurora.com jew ċemplu fuq 7904 5779.

A Christmas variety organised by the Leone Band and Aurora Youth Choir with the participation of various singers and dancers. This show includes a variety of seasonal medleys, as well as some of the most-loved joyous tunes. Tickets can be acquired from www.teatruaurora.com or by calling 7904 5779.

Saturday 24 December
11:30AM

In Dulci Jubilo

Post (*Venue*): Il-Ħaġar Museum, St George's Square, **Victoria**

Kunċert fejn se jiġu esigwiti uħud mill-għanjiet l-aktar popolari tal-Milied, mis-sezzjoni femminili (SSAA) tal-Kor Laudate Pueri tal-Bażilika ta' San Ġorġ taħt id-direzzjoni ta' Rev. George J. Frendo.

A concert by the female section (SSAA) of the Laudate Pueri Choir of St George's Basilica featuring a choice selection of Christmas carols under the direction of Rev. George J. Frendo.

Saturday 24 December
6:30PM

Qala with Christmas Carols

Post (*Venue*): Society of Christian Doctrine MUSEUM, **Il-Qala**

Purċissjoni bl-istatwa ta' Ġesù Bambin madwar it-toroq ewlenin tar-raħal bis-sehem tat-tfal u bil-parteċipazzjoni tal-Banda Ite Ad Joseph, taħt id-direzzjoni ta' Mro Mark Gauci. Wara jkun hemm programm ta' kant, poeżiji, dramm qasir u prietka tat-tifel.

A procession with the statue of Baby Jesus around the village streets with the participation of children and the Ite Ad Joseph Band, under the direction of Mro Mark Gauci. The procession will be followed by a programme of carols, poems, a play and the traditional child sermon.

Saturday 24 December
7:00PM

Purċissjoni bil-Bambin

Post (*Venue*): Main Streets, **In-Nadur**

Purċissjoni tradizzjonali forma ta' Pageant, b'Ġesù Bambin, minn tfal tas-Soċjetà tad-Duttrina Nisranija MUSEUM madwar it-toroq tan-Nadur. F'din il-purċissjoni jieħdu sehem bosta atturi lebsin ta' persunaġġi Bibbliċi flimkien mad-daqq tal-Banda Mnarja tan-Nadur.

A traditional procession with the statuette of Baby Jesus with the participation of children attending the Society of Christian Doctrine MUSEUM, winds through the streets of Nadur accompanied by the Mnarja Band performing traditional Christmas carols.

Saturday 24 December
11:30PM

Għanjiet tal-Milied
Christmas Carols

Post (*Venue*): Basilica of St Peter & St Paul, **In-Nadur**

Kunċert ta' għanjiet tal-Milied mill-Kor Jubilate Deo taħt id-direzzjoni ta' Mro Antoine Theuma.

A Christmas concert by the Parish Choir Jubilate Deo under the direction of Mro Antoine Theuma.

Sunday 25 December
8:45AM

Servizz ta' Lezzjonijiet tal-Milied
Service of Reading & Christmas Carols

Post (*Venue*): Gozo Seminary, Enrico Mizzi Street, **Victoria**

Il-Kongregazzjoni Anglikana f'Għawdex se torganizza servizz ta' Lezzjonijiet u Għanjiet tal-Milied fil-Kappella tas-Seminarju tal-Qalb ta' Ġesù. Għal iżjed informazzjoni kkuntattjaw 7907 4152.

The Anglican congregation in Gozo will be holding a service of readings and carols at the Gozo Seminary Chapel. For more information call 7907 4152.

Sunday 25 December
5:00PM

Purċissjoni bil-Bambin
Procession with Baby Jesus

Post (*Venue*): Society of Christine Doctrine MUSEUM, **Ix-Xagħra**

Purċissjoni bis-sehem tal-Banda Victory, li titlaq mis-sede tas-Soċjetà tad-Duttrina Nisranija MUSEUM tas-Subien, lejn il-knisja li fiha mbagħad isegwi programm tal-Milied b'poeżiji, kant u l-prietka tradizzjonali tat-tifel.

Procession with Baby Jesus accompanied by Victory Band, from Society of Christian Doctrine MUSEUM Boys hub to Xagħra Parish Church. The procession will be followed by a programme of poems, singing and the traditional child sermon in the church.

Sunday 25 December
6:00PM – 8:00PM

Fil-Presepju Daħal Orgni

Post (*Venue*): Church of the Assumption of St Mary, **Iż-Żebbuġ**

Kunċert ta' mużika tradizzjonali tal-Milied mill-organist Franco Cefai waqt li wieħed jista' jżur wirja bil-presepji u Bambini.

A concert of traditional Christmas music by organist Franco Cefai where one can also visit an exhibition of cribs.

Sunday 25 December
7:00PM

Kunċert tal-Milied
Christmas Concert

Post (*Venue*): Basilica of St Peter & St Paul, **In-Nadur**

Kunċert tal-Milied taħt id-direzzjoni ta' Mro Antoine Theuma. Dan il-kunċert isir bis-sehem tal-orkestra, il-kor tal-MUSEUM u bosta kantanti stabbiliti Għawdxin. Ikun hemm ukoll reċta qasira, qari ta' poeżiji u l-prietka tradizzjonali tat-tifel.

A Christmas concert under the direction of Mro Antoine Theuma accompanied by the MUSEUM Choir and Gozitan singers. This event will also feature a poetry recital, a short play and the traditional child's Christmas sermon.

FM THEATRE PRODUCTIONS

TEATRU ASTRA

THE FIRST GREAT ROCK N' ROLL PANTO

JACK AND THE BEANSTALK

DAME FAZOLA BIGILLA IS AFTER A GIANT ONE

WRITTEN BY **PETER ROWE**

DIRECTED BY **CHRIS GATT**

MUSIC DIRECTION BY **CATHY LAWLOR**

Teatru Astra · Victoria · Gozo | From 26 December 2022

www.tnd.com.mt

Cultural Heritage Directorate

GOVERNMENT OF MALTA
MINISTRY FOR GOZO

Tuesday 27 December
7:30PM

Ninni Ninni La Tibkix Iżjed

Post (*Venue*): St Lawrence Parish Church, **San Lawrenz**

Kunċert ta' mużika u letteratura marbuta mal-Milied bis-sehem tal-Kor Levita Laurentius u solisti, akkumpanjati bl-orgni tal-knisja.

A musical and literature Christmas concert performed by Levita Laurentius Choir and soloists accompanied by the church organ.

Tuesday 27 December
8:00PM

Dreams of Vienna

Post (*Venue*): Kempinski Hotel, **San Lawrenz**

Kunċert mill-Għaqda Mużikali Viżitazzjoni Għarb taħt id-direzzjoni ta' Mro Jason Camilleri. Il-programm jinkludi mużika popolari għal dan l-istaġun festiv flimkien ma' varjetà ta' kompożizzjonijiet internazzjonali li għamlu suċċess.

Irriserva post fuq dreamsofvienna@gmail.com jew 7949 2667.

A concert by the Għaqda Mużikali Viżitazzjoni Għarb, under the direction of Mro Jason Camilleri. The musical programme includes popular music related to the festive season.

For bookings contact: dreamsofvienna@gmail.com or 7949 2667.

Wednesday 28 December
7:00PM

Incarnatus – A Christmas Concert

Post (*Venue*): Basilica of the Nativity of Our Lady, **Ix-Xagħra**

Kunċert tal-Milied mill-Kor Voci Angeliche flimkien mal-Cordia String Quartet and Friends imtella' mill-Kunsill Lokali tax-Xagħra.

A concert by Voci Angeliche Choir with the participation of Cordia String Quartet and Friends organised by the Xagħra Local Council.

Wednesday 28 December
8:00PM

It's A Brassy Christmas – 2nd Edition

Post (*Venue*): Conventual Church of St Francis of Assisi, St Francis Square, **Victoria**

Kunċert mill-BrassTubes ensemble fejn se jwasslu l-ispirtu ferrieħi tal-Milied b'għażla ta' siltiet mużikali li jvarjaw minn għanjiet tradizzjonali tal-Milied għal dawk moderni.

A concert by BrassTubes ensemble who will be bringing the festive cheer by performing a range of music from traditional Christmas carols to popular pieces.

Sunday 1 January 2023
7:30PM

A New Year's Toast

Post (*Venue*): Kempinksi Hotel, **San Lawrenz**

Il-Kor Gaulitanus jibda mużikalment l-Ewwel tas-Sena b'kunċert. F'atmosfera li tixraq din l-okkażjoni, il-kor se jippreżenta repertorju vast u enerġetiku. Il-kor, is-solisti u kollegi tagħhom se jipparteċipaw taħt id-direzzjoni mużikali u artistika ta' Mro Colin Attard. Għal aktar informazzjoni kkuntattjaw fuq gaulitanus@gmail.com jew 7703 8971.

